**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 33**

**Data:** **16 ta' Novembru, 2021**

**Hin:** **08.40am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

33.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

33.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

33.5 Korrispondenza u Rapporti;

33.6 Attivitajiet tal-Milied;

33.7 Inawgurazzjoni Gnien San Dimitri;

33.8 Applikazzjonijiet;

33.9 Materji ohra;

33.10 Skeda ta' Pagamenti;

33.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

Il-laqgha inbdiet b'minuta ta' silenzju b'rispett peress li aktar kmieni kienet mietet residenta mir-rahal.

**33.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

33.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

**33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

33.2.1 Il-Minuti ser jigu pprezentati fil-laqgha li jmiss.

**33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

33.3.1 Is-Sindku qal li fil-leisure park il-parti t'isfel rega' qed ikun hemm il-*parties* li qed ikunu ta' xejra differenti. Dan gie innotat minn xi residenti li tkellmu ma' l-Arcipriet. Ghal dan is-Sindku ssugerixxa li jsiru l-gates skond il-kwotazzjoni li kienu ingabru u l-haddiema li tiehu hsieb it-toilet tghalaq din il-parti. Il-Kunsill qabel unanimament.

33.3.2 Fir-rigward tal-belveder Dun Salv Camilleri, s-Sindku spjega li kien ghaddej ix-xoghol fuqu u ta' spujegazzjoni ta' dak li qed isir fejn saru l-ewwel zewg bicciet tal-konkos u issa jmiss il-parti tan-nofs u finishing. Sadanittant il-Kunsill qed jistenna li tghalaq l-iskema u skont dak li ninghataw ikun jista' isir ix-xoghol. Il-Vici Sindku staqsa kif ser issir l-art fejn is-Sindku spjega li l-art ser tinkesa bil-*helicopter* u wara tinkesa bit-turf artificjali.

Fir-rigward tar-railing is-Sindku spjega li biex issir id-dawra kollha tigi tiswa madwar €10,000 liema kwotazzjoni kienet ingabet minghand il-fornitur principali ta' Malta. Mod iehor kif jista' jsir huwa li jsiru kolonni tal-gebel u bejniethom isir Hadid. B'dan il-mod jista' jonqos il-prezz tal-hadid. Is-Sindku qal li fil-post jixraq ukoll li jkun hemm hgieg double glazing biex il-veduta tibqa' vizibli pero' dan jigi jiswa hafna flus. Is-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill jitlob ghajnuna f'dan ir-rigward lil Eco Gozo. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

33.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar ic-charging pillar li kien hemm qbil fuqha min-

naha tal-Kunsill f'laqgha li ghandha ssir quddiem ic-Centru Civiku. Is-Sindku spjega li gie innotat li dan il-pillar kienet qieghed isir fil-parti t'isfel ta' Triq il-Vizitazzjoni quddiem l-iskola primarja. Huwa qal li l-Ministeru ta' l-Energija kienu qalu li peress li din il-pillar hija fast charging tista' ssir biss jekk tkun 100 metru 'l boghod minn substation. Apparti hekk huwa qal li l-bierah saret site visit mall-President ta' l-Assocjazzjoni is-Sur Mario Fava fejn ittiehdu ritratti sabiex isiru rapporti mehtiega. Apparti kollox gie innotat ukoll li mall-hajt ta' l-iskola kien hemm ippjanata bankina ghas-sigurta' tat-tfal. Is-Sindku qal li l-Kunsill diga informa b'dan lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Is-Sindku zied jghid li bhala soluzzjoni tista' tkun il-kaz li din issir fejn il-Villagg tas-snajja ta' Dbiegi.

33.3.4 Is-Sindku informa lill-membri lill-membri li l-Kunsill kien ircieva korrispondenza minghand is-Sinjura Daphne Sant fir-rigward taz-zebra crossing ta' Triq il-Knisja. Is-Sindku spjega li s-Sinjura Sant kienet talbet li tiltaqa' mall-Kunsill peress li kienet qed toggezzjona ghaz-zebra crossing. Is-Sinjura Sant giet mistiedna tidhol ghal-laqgha u dahlet fil-kamra. Hija rringrazjat lill-Kunsill li ghogbu jilqa' t-talba taghha sabiex tghaddi l-kummenti taghha. Hi spjegat li ricentament kienet xtrat post fejn gejja iz-zebra crossing u li hadd ma kien ikkonsulta maghha dwar l-imsemmija zebra crossing kif qalulha li suppost sar min-naha tat-Transport Malta. Hija qalet li ma tixtieqx li l-arblu tad-dawl ta' l-imsemmija zebra crossing jibqa' imwahhal mad-dar taghha u fl-istess waqt hija ssugerit li din iz-zebra crossing issir aktar 'il fuq fit-triq. Tkompliet id-diskussjoni mas-Sinjura Sant f'dan ir-rigward. Fid-9.10am hija rringrazzjat lill-Kunsill u hareg mil-laqgha. Wara li hareg mil-laqgha tkompliet id-diskussjoni fejn gie innotat fost l-ohrajn li minkejja l-informazzjoni li Transport Malta taw lis-Sinjura Sant, kienu huma stess li ssugerrew lill-Kunsill fejn din ghandha tehel peress li l-Kunsill kull ma kien ghamel kienet talba ghal zebra crossing. Fost ohrajn gie innotat li fejn issir iz-zebra crossing ma jistax isir parkegg ghaldaqstant il-post fejn hi indikata huwa idejali peress li hemmhekk diga ma jsirx parkegg. Joseph Mizzi staqsa jekk tistax issir b'bozza wahda fejn gie innotat li din tista' tkun idejali. Il-Kunsill kompla jiddiskuti l-materja fejn gie deciz li ghandha tinstab soluzzjoni min-naha ta' Transport Malta ghal dan il-kaz.

33.3.5 Is-Sindku informa lill-membri li nhar il-Hamis filghodu kien ippjanat li ser titpogga t-tinda pero' minhabba l-funeral dan mhux ser ikun possibli u ghaldaqstant dan irid jigi pospost ghal Hamis filghaxija jew il-Gimgha filghodu. Joseph Mizzi staqsa jekk Triq Dun Alwig Mizzi hux ser tibqa' kif inhi bhala parkegg. Gie spjegat li ser jitnehhew l-ewwel tlett parkeggi u t-triq id-dejqa bejn Pjazzetta l-Isqof N. Cauchi u Triq Trux ser tkun one way li tinzel mill-Pjazzetta lejn Trux biss. Is-Sindku ssugerixxa li kif tkun armata t-tinda jitella' film il-Hadd wara nofsinhar ghat-tfal. Il-Kunsill qabel dwar din l-attivita' u sar qbil ukoll li jigi offrut popcorn u hot chocolate lit-tfal prezenti.

## 33.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA**<br>David Apap Agius<br>Sindku | **IFFIRMATA**<br>Emily Amatulli-Depasquale<br>Segretarju Ezekuttiv |

33.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**33.5 Korrispondenza u Rapporti**

33.5.1 Giet trattata korrispondenza minghand Transport Malta fir-rigward ta' talba ghal *double yellow lines* fil-parti t'isfel ta' Triq Trux. Gew murija ritratti ta' fejn qeghda ssir it-talba u din giet diskussa aktar fid-dettal. Il-Kunsill qabel li ghandha tintalaq l-opinjoni tat-Transport Malta f'dan ir-rigward.

33.5.2 Giett trattata korrispondenza minghand l-Assocjazzjoni tan-nahal fejn ghall-protezzjoni tan-nahal huwa kienu qeghdin jitolbu l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex f'certu xhur tas-sena ma jinqatax haxix fil-kampanja. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti l-appogg tieghu pero' jekk jinqala' l-bzonn li jinqata' f'certu zoni minhabba li ma jghaddux dan ghandu jinqata'. Il-Kunsill qabel ukoll li jinhareg flyers ta' informazzjoni dwar dan u jitqassam fir-residenzi.

33.5.3 Tonio Mifsud qal li kellu kuntatt ma' persuna li tghallem kif jahdmu l-magni ta' l-AED u staqsieh hux lest li jigi fil-lokalita' u jaghmel sezzjonijiet mar-residenti. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li min ibiegh l-AED's huwa marbut li jaghmel korsijiet lin-nies dwar l-uzu ta' dawn il-magni u huwa ssugerixxa li l-Kunsill ghandu jaqsam zoni u jmur f'kull zona juri lir-residenti kif jahdmu dawn il-magni peress li hekk tkun qeghda taghmilha aktar facli li n-nies jattendu. Il-Kunsill qal li important li dawn jehlu bi skop li tintuza u mhux semplicement biex ikunu wehlu.

33.5.4 Tqajjmet diskussjoni dwar il-grawnd tal-futbol fejn is-Sindku spjega li l-gimgha l-ohra kelhu jiehu azzjoni u jibdel ic-cwievet peress li l-post qed ikun bid-dawl mixghul il-hin kollu u apparti dan hemm hafna cwievet jigru. Il-locks il-godda saru b'tali mod li jekk ma ssakkarx ma tistax tiehu cavetta mieghek. Is-Sindku zied jghid li meta mar fil-post innota li l-post mhux jigi imnaddaf u mizmum fi stat tajjeb. Huwa qal li hemm bzonn li ssir refurbishment minn gewwa. Joseph Mizzi qal li huwa ta' l-opinjoni li f'dan il-post ma jithallewx joqghod nies. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill gie avvicinat mill-Youth FA sabiex jibdew jaghmlu uzu mill-grawnd kull nhar ta' sibt biex irawmu tfal fil-futbol. Dawn ser ikunu qed ihallsu lill-Kunsill ghall-uzu u ser ihallu anke xi materjal. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jara xi spiza hemm relatata mall-upgrade. Il-Kunsill innota ukoll li l-kumitat ta' l-Gharb Rangers F.C. ghandu jkun aktar responsabbli mill-uzu tal-post. Fuq dan il-punt, is-Sindku qal li tajjeb li ssir laqgha mall-kumitat u jekk ikun hemm bzonn jiehu over il-Kunsill.

33.5.5 Giet trattata korrispondenza minghand genituri bhala ilment liema ittra giet moqrija waqt il-laqgha. Dawn il-genituri kienu qeghdin jilmentaw li t-tfal mhux qed jinghataw it-taghmlim kif suppost. Il-Kunsill iddiskuta din il-korrispondenza u

qabel li din ma taqax taht il-guristizzjoni tieghu u ghaldaqstant ghandha tintbghat lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ghal passi ulterjuri min-naha taghhom.

33.5.6 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet ta' zvilupp ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar

PA/04644/21, PA/06627/21, PA/06564/21, PA/06716/21, PA/06818/21, PA/06931/21, PA/06879/21, PA/06923/21, PA/06986/21, PA/07011/21, PA/06921/21, PA/07114/21, PA/07147/21, PA/07084/21, PA/07132/21, PA/07233/21, PA/07354/21, PA/06986/21, PA/07506/21, PA/07576/21, PA/06128/21, PA/07491/21 u PA/07616/21.

Il-Kunsill qabel li ghandha terga tintbghat nota lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar sabiex issir garbage room mat-triq specjalment fejn ikun hemm appartamenti.

**33.6 Attivitajiet tal-Milied**

33.6.1 Gie proposta biex l-ikla tal-Milied tigi organizzata fl-ewwel gimgha ta' Dicembru. Peress li mhux kulhadd jista' giet issugerita' d-data tat-28 ta' Novembru biex issir l-ikla.

**33.7 Inawgurazzjoni Gnien San Dimitri**

33.7.1 Is-Sindku spjega li jidher li ghal dan il-gnien kienu instabu sabiex isir il-gnien ta' fejn il-pinnur fi Triq San Dimitri. Huwa zied jghid li ghandhom jsiru x-xogholijiet mehtiega bil-possibilita' li jigi inawgurat f'Jannar.

Joseph Mizzi staqsa dwar tal-brilli kienx hemm xi zvilupp. Is-Sindku qal li din tista' ssir f'Dicembru fejn tehel il-plakka li kien hemm qbil dwarha. Gie spjegat li d-disinn ser jigi pprezentat fil-laqgha li jmiss.

33.7.2 Joseph Mizzi qal li s-sena d-diehla Dun Alwig Mizzi kien ser jaghlaq 50 sena mill-mewt tieghu u tajjeb li kieku ssir xi haga. Huwa talab li jigi skuzat peress li kellu interess personali u ghaldaqstant hareg mil-laqgha. Is-Sindku qal li tista' ssir plakka f'gieh Dun Alwig Mizzi anke mall-post fejn kien jghix fi Triq San Pietru jekk sid id-dar taqbel ma' dan. Il-Kunsill kompla jiddiskuti u qabel mall-kuncett li ghandu jsir xi haga pero' dan ghandu jigi diskuss aktar fid-dettal fl-laqgha ohra. Joseph Mizzi gie ghalhekk imsejjah lura ghal-laqgha.

**33.8 Applikazzjonijiet**

33.8.1 Gie spjegat li fil-prezent kien hemm miftuha applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar accessibilita'. Is-Sindku ssugerixxa li ghandu japplika u jipproponi li jsiru ismijiet tat-toroq godda. Fuq din in-nota Tonio Mifsud issugerixxa ukoll li jsiru tabelli fiz-zoni rurali fejn jindikaw iz-zoni agrikoli.

Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li jista' anke jikkonsulta ma' Transport Malta f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel li ghandu jissottometti l-applikazzjoni tieghu f'dan ir-r-rigward.

**33.9 Materji ohra**

33.9 Gie spjegat li ghal din is-sena l-labra ta' l-influenza ma kienetx ser tinghata mill-bereg tal-lokalita'. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jinhareg avviz u jekk ikun hemm numru ta' persuni interessati dawn ghandhom tinghatalhom billi tinxtara mill-Kunsill.

**33.10 Skeda ta' Pagamenti**

33.10.1 L-Iskeda tal-pagementi giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**33.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

33.11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 14 ta' Dicembru 2021 fit-8.30am.

33.11.2 Il-laqgha spiccat fl-10.30am

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv